# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 28 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1688/97**

**Numru 27**

**Carmel u Dorothea konjugi Micallef**

**vs**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm593.57c (jew somma verjuri, li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni subiti in segwitu ghal incident stradali li gara fit-3 ta' Ottubru 1996 bejn Van Transit nru E-1821 misjuq mill-konvenut u Van Peugeot nru 0-8441 misjuq mill-attur. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti . L-incident gara Hal Qormi.

Bl-ispejjes komprizi Lm11.50 ta' ittra bonarja u konsult, dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tal-4 ta' Novembru 1996 , u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-assikuraturi tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort tieghu, izda gara unikament tort u htija tal-attur, Carmel Micallef, u s-sewwieqa tal-vettura numru O-8441, li naqas milli josserva r-Regolamenti tat-Traffiku, u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-kollizjoni in esami grat fi Triq id-Drama go Hal Qormi u kienet tinvolvi l-vettura misjuqa mill-attur tal-marka Peugeot u bin-numru ta' registrazzjoni O-8441 u ohra misjuqa mill-konvenut, tal-marka Ford Transit Numru E-1821.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 19, 32, 47 u 52 et seq ibid) jsostni li, qabel ma gara l-istess incident, u kien parkeggat "fuq in-naha tal-lemin tat-triq ... inti u niezel". Hu hareg minn fejn kien parkeggat u qasam ghan-naha l-ohra tat-triq "u gejt fuq in-naha tieghu". Kif wasal hawnhekk, hu ra l-"van" (misjuq mill-konvenut) "gej mill-boghod minn quddiem ..... f'nofs it-triq". Minhabba hekk, hu waqaf waqt li l-iehor baqa' gej, b'velocita qawwija ("gas down"). L-attur kompla jixhed li meta skond hu, l-konvenut induna bih, dan "zamm il-brake, pero tkaxkar tul twil" u laqat il-vettura tal-attur fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem oltre li "dawwarni".

Hawnhekk l-attur irrefera ghall-iskizz esebit in atti numru PS 667 Edgar Borg (fol 17 tal-atti) u filwaqt li hu qabel mal-posizzjoni tal-vetturi mahbutin kif hemm murija. Pero hu issottolinea li meta kien ircieva l-iskizz minghand Pulizija, kien hemm indikat fuqu, b'mod zbajat, il-post fejn l-attur kien parkeggat. Ghalhekk hu kien mar

sabiex jkellem l-istess surgent li, da parti tieghu, kiteb bil-firma tieghu “il-qis kif suppost” ossija “li kien nizzel originarjament”. In rigward dan il-punt , l-attur, b’nota esebixxa (fol 25) dan l-iskizz li fuqu jidher il-qis “30m” b’firma li jindika li l-attur kien parkeggat 30 metri il-boghod mill-post tal-incident qabel ma dan gara, liema qis kien inghata lis-Surgent involut mill-attur (“... .Jiena kont ghidt lis-Surgent .... .il-post ezatt fejn kont ipparkeggat qabel ma hrigt” In rigward dan il-punt kien gie riprodott sabiex jixhed PS 667 Edgar Borg (fol 45 u 46 ibid) li ikkonferma li l-attur kien talbu “biex fuq l-iskecc jitnizzel id-distanza bejn fejn kien hemm wieqfa il-karozza tal-attur (wara l-incident) w is-side road minn fejn kien hareg (ara ukoll fol 13 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi fir-rapport tal-istess Surgent, hemm imnizzel u jinghad li l-konvenut fuq il-”van” numru E-1821 kien qed jsuq fit-triq in kwistjoni waqt li l-attur li kien parkeggat kif qala’ u beda miexi, gew kwazi wicc-imb-wicc mal-”van” misjuq mill-konvenut u b’hekk habtu. In rigwad hsarat, fl-istess rapport, hemm indikat li z-zewg vetturi garbu hsarat fuq quddiem principalment fuq il-lemin (ara fol 15 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-konvenut (fol 50 et seq ibid) jikkontendi li l-attur kien gej bil-mod minn faccata izda "wrong side" meta dan kien xi ghoxrin metru l-boghod jew ftit aktar. Minhabba hekk, hu ha "evasive action" sabiex jevita l-habta u b'hekk "mort in-naha l-ohra tat-triq" kif ghamel ukoll l-attur.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, gew konsiderati l-provi kif esposti, sabiex din il-Qorti tara' li l-attur ipprova dak li allega fl-avviz in esami, rinfaccjata, kif hi, minn zewg versjonijiet konfliggenti bejniethom dwar minn fost il-partijiet involuti kien fuq in-naha tieghu tat-triq skond il-ligi ("the proper side of the road"). Hawnhekk il-Qorti rat li, mill-iskizz esebit, l-unika prova li tista' tigi definita bhala indipendenti, kien hemm marki ta' "brakes" twal 8.50 metri maghmulin milll-"van" misjuq mill-konvenut. Dawn il-marki certament ma humiex prova ta' sewqan veloci hafna u eccessiv da parti tal-konvenut kif allega l-attur. Inoltre juru li, meta l-konvenut ghafas il-"brake", kien fuq in-naha tieghu tat-triq u kiser, xi ftit, lejn ix-xellug sabiex jevita lill-vettura misjuqa mill-attur li setghet kienet qed tostakolalu il-passagg liberu da parti tieghu. Ghalhekk, probabilment u a basi ta' dak li intqal, jidher li dak li xehed il-konvenut jirrispekkja dak li effettivament gara f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Alan Calleja
Dep.Reg